# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 612/01mm**

**SMS Insurance Agency Limited**

**vs**

**Antoine Schembri**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici bhala assikuratrici ta' u surrogata fid-drittijiet ta' Saviour Mizzi, ghall-kundanna tal-konvenut dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni sofferti konsegwenza ta' incident stradali li gara fit-23 ta' Dicembru, 2000, fiz-

Zurrieq, bejn vettura numru tar-registrazzjoni GAU 305 misjuqa mill-konvenut u vettura bin-numru tar-registrazzjoni SAM 306 misjuqa minn Saviour Mizzi u dan prevja d-dikjarazzjoni li l-istess incident gara unikament minhabba traskuragni, mperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-istess sad-data tal-hlas relattiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta' kompetenza gie dikjarat li l-valur mertu ta' din il-kawza ma jeccediex is-somma ta' Lm700.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici fejn turi d-danni subiti mis-socjeta' attrici jammontaw ghal hames mija u hames liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm505.41).

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-8 ta’ Ottubru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici fl-ammont ta’ hames mija u hames liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm505.41) bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Deputat Registratur